**14 ta' Diċembru, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D.**

Emanuel Bonello *pro et noe*

*versus*

Cecil Pace *pro noe et*

## Mandat ta' Impediment ta' Safar – Pleġġerija – Danni

*Il-Qorti tista', meta tinġieb raġuni tajba, fuq talba b'ċitazzjoni magħmula mill-persuna li kontra tagħha jkun ġie maħruġ il-mandat ta' impediment ta' safar, tordna lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat li ġġib, fiż-żmien li jiġi mogħti mill-Qorti, garanzija tajba għall-ħlas tal-penali, u tad-danni u l-imgħaxijiet, f'somma stabbilita ta' mhux anqas mitt mitt lira, barra mill-penali u, fin-nuqqas ta' dan, tħassar il-mandat.*

*Din l-azzjoni b'ċitazzjoni ma tistax tkun intempestiva ladarba ħareġ il-mandat u m'hemm xejn x'jiġi stabbilit qabel issir l-azzjoni. Daqstant ieħor ma hemm l-ebda bżonn ta' dikjarazzjoni li min ħareġ il-mandat huwa responsabbli għad-danni. Dan tgħidu l-liġi stess.*

Iċ-ċitazzjoni taqra hekk:

Premess illi l-konvenuti *proprio et nomine* istitwew proċeduri ċivili ċjoè kawża kontra l-attur *proprio et nomine* liema proċeduri jġibu numru 146/89/JDC u dan sabiex:

(1) Jiġi ddikjarat u deċiż illi s-soċjetà *M.I.D.C. Limited* hija l-proprjetarja tad-9223 ishma kollha ta' Lm50-il waħda fis-soċjetà *Malta & Europe Hotels Limited;*

(2) Tordna lill-attur odjern jirreġistra l-istess ishma a favur is-soċjetà *M.I.D.C. Limited;*

(3) Tikkundanna lill-attur odjern responsabbli għad-danni kollha kkaġunati lill-konvenuti, liema danni jiġu likwidati f'ġudizzju separat;

Premess illi sabiex ippreżentaw dik iċ-ċitazzjoni fir-Reġistru ta' dina l-Qorti, il-konvenuti ħallsu biss is-somma irriżorja ta' Lm8.55,0;

Premess illi l-konvenuti personalment m'humiex azzjonisti fis-soċjetà *Malta & Europe Hotels Limited* u kwindi, skond l-istatut ta' din is-soċjetà huma personalment ma għandhom ebda dritt u ebda nteress ġuridiku jagħmlu t-talbiet li għamlu;

Premess illi mhux minnu illi Cecil Pace huwa direttur ta'

*M.I.D.C. Limited* u *in ogni caso* anke jekk għall-grazzja ta' l-argument huwa direttur, ċertament ma għandux ir-rappresentanza ġuridika ta' dik is-soċjetà billi dan jinvesti BISS fil-kontrollur tagħha skond il-liġi u għalhekk Cecil Pace ma għandu ebda interess ġuridiku biex jistitwixxi dawk il-proċeduri u mhux il-proċeduri u mhux il-persuna legalment idonea li tagħmel dawn il-proċeduri f'isem is-soċjetà *M.I.D.C. Limited;*

U premess illi in sostenn għat-talbiet tagħhom fil-kawża fuq ċitata numru (146/89/JDC) il-konvenuti preżenti talbu u ottjenew il-ħruġ ta' (3) tliet mandati Kawtelatorji u ċjoè dak ta' Qbid Numru 338/89 fl-ammont ta' Lm1,000,000 (miljun lira) dak ta' Impediment tal-Partenza kontra l-attur Numru 339/89 fl-ammont ta' Lm1,000,000 (miljun lira), dak ta' sekwestru 340/89 fl-ammont ta' Lm2,000,000 (żewġ miljuni liri Maltin) dejjem bil-protest bħala Kawżali u għal dawn il-Mandati "danni kkawżati mill-intimati lir-rikorrenti minħabba n-nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' l-ishma tagħhom fil-*Malta & Europe Hotels Limited* liema pretensjoni tinsab dedotta f'ċitazzjoni Numru 146/89/JDC;

U peress illi dik iċ-ċitazzjoni l-atturi, *se mai,* talbu biss dikjarazzjoni ta' responsabbilità għad-danni, però ma talbux li d-danni jiġu likwidati u li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu dawn id-danni, anzi għamlu riserva li dawn id-danni jiġu likwidati f'ġudizzju separat, u b'hekk evitaw depożitu għoli fir-reġistru ta' dawn il-Qrati;

U peress għalhekk illi dawn il-mandati Kawtelatorji ma jistgħu jibqgħu jseħħu kontra l-attur stante li ma hemmx, fil-proċeduri intavolati mill-konvenuti kontra l-attur (Ċitt. Nru. 146/89) it-talbiet relattivi għall-istess, kif ġà fuq sottomess, u

kwindi l-Mandati Kawtelatorji ma ġewx segwiti biċ-ċitazzjoni kif titlob il-liġi;

U peress illi l-attur odjern talab u ottjena l-ħruġ ta' l-opportun kontro-Mandati tal-Mandati fuq ċitati ta' Sekwestru u Impediment tal-partenza;

U peress illi wara li sar dan il-konvenuti reġgħu talbu u ottjenew il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji ġodda numru 773/89 (Impediment tal-Partenza) u 772/89 (Sekwestru) din id-darba għal miljun lira Maltija kull mandat u segwew l-imsemmija mandati biċ-ċitazzjoni numru 452/89 li tinsab differita għas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 1989;

U peress illi l-konvenuti ħalfu li l-esponenti jista' jsiefer u b'hekk il-kreditu tagħhom jista' jiġi eluż;

U peress illi l-esponenti mhux sejjer isiefer, jekk mhux għall-btala u/jew għal xogħol, però mhux sejjer jemigra u b'hekk il-kreditu ta' l-atturi ma jista' qatt jiġi eluż;

U peress illi indipendentement minn dan fuq sottomess, u però bla preġudizzju għall-premess, l-ammonti kawtelati mill-istess Mandati huma esaġerati u l-konvenuti inġustament intavolawhom u ma jridux jirrimwovuhom;

U peress illi indipendentement mill-validità tagħhom u/jew ta' l-esekuzzjoni tagħhom u mill-mertu (li dwarhom l-attur jirriserva integri l-posizzjoni legali u d-drittijiet tiegħu kontra l-konvenuti) l-imsemmi Mandati qegħdin jirrekaw u għad jistgħu jirrekaw danni rilevanti u inġenti lill-attur *proprio et nomine;*

U peress illi hemm raġunijiet validi sabiex din il-Qorti tordna lill-konvenuti Cecil Pace u Henry Pace biex jagħtu garanzija lill-attur *proprio et nomine* għad-danni u għal kull penali u mgħax li jistgħu jkunu dovuti lill-attur *proprio et nomine* minħabba l-imsemmi Mandati fuq imsemmija;

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex din il-Qorti: 1. ma għandhiex tordna lill-konvenuti Cecil Pace u Henry Pace *proprio et nomine* biex fi żmien qasir u perentorju li jiġu prefiss minn dina l-Qorti iġibu a termini ta' l-artikolu 868 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili pleġġerija tajba f'ammont li jiġi ffissat minn din il-Qorti suffiċjenti għall-ħlas tal-penali, tad-danni u mgħaxijiet minħabba l-imsemmi Mandat ta' l-Impediment tal-Partenza kontra l-persuna numru 773/89 fl-ismijiet "Cecil Pace u Henry Pace f'isimhom *proprio* u Cecil Pace bħala direttur u għan-nom u in rappresentanza tas-soċjetà *M.I.D.C. Limited vs* Emanuel A. Bonello f'ismu *proprio* u bħala Kontrollur u għan-nom u in rappresentanza ta' *Malta & Europe Hotels Limited* u bħala direttur u għan-nom u in rappresentanza ta' *GHE Limited;*

2. Fin-nuqqas ta' din il-pleġġerija fit-terminu prefiss minn dina l-Qorti tneħħi l-imsemmi Mandat ta' Impediment tal-Partenza kontra l-attur – dan taħt dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jgħoġobha timponi kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa jibqgħu nġunti għas-subizzjoni tagħhom;

Kif jidher minn eżami ta' din iċ-ċitazzjoni l-ewwel tmien (8) paragrafi m'humiex kawżali għat-talbiet ta' l-atturi; dawn

kellhom jiġu inklużi fid-dikjarazzjoni li tikkumpanja ċ-ċitazzjoni biex iservu bħala sfond, billi jiġu rreġistrati l-antiċedenti tal-ħruġ tal-mandati numri 773 u 772 ta' l-1989;

L-istess osservazzjoni għandha ssir rigward l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti. L-ewwel sitt eċċezzjonijiet m'għandhom x'jaqsmu assolutament xejn ma l-azzjoni eżerċitata mill-attur;

Din hija sempliċement talba biex jiġi applikat l-artikolu 868 Kap. 12 li jgħid:

Il-Qorti tista', meta tinġieb raġuni tajba, fuq talba, b'ċitazzjoni magħmula mill-persuna li kontra tagħha jew kontra l-bastiment tagħha jew biċċa oħra tal-baħar ikun ġie maħruġ *il-mandat, tordna lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat li ġġib*, fiż-żmien li jiġi mogħti mill-Qorti, garanzija tajba għall-ħlas tal-penali, u tad-danni u l-imgħaxijiet, f'somma stabbilita ta' mhux anqas minn mitt lira, barra mill-peanli, u, fin-nuqqas ta' dan, tħassar il-mandat;

Kull kwistjoni li tirrigwarda n-nomina tal-konvenut bħala Kontrollur m'għandha x'taqsam xejn ma' din l-azzjoni li tiġi eżerċitata mill-persuna – tkun xi tkun, tkun min tkun, li tintlaqat mill-mandat tal-konvenuti. L-azzjoni ma tistax tkun *intempestiva* ladarba ħareġ il-mandat u m'hemm xejn x'jiġi stabbilit qabel issir l-azzjoni. Daqstant ieħor ma hemm l-ebda bżonn ta' dikjarazzjoni li min ħareġ il-mandat huwa responsabbli għad-danni. Dan tgħidu l-liġi stess. Id-disa' eċċezzjoni li tippretendi li l-konvenut jista' jaqbad u jieħu bħala garanzija għad-danni li huwa **personalment jista'** jsofri bil-mandati maħruġa kontra tiegħu, il-proprjetà fdata f'idejh bħala Kontrollur u għalhekk finduċjarjament – hija kjarament – daqstant ieħor

insostenibbli;

*L-għaxar eċċezzjoni wkoll hija bla bażi.* Kull mandat li fl-aħħar tal-proċeduri jirriżulta li nħareġ ħażin huwa fonti ta' danni u l-pretensjoni li d-danni jirrikorru biss jekk ma jiġix osservat l-artikolu 869 Kap. 12 hija bbażata fuq ċeċità sħiħa fil-qari per eżempju ta' l-artikoli preċedenti, 866 u 867;

Għalhekk il-konvenuti ma avvanzaw ebda raġuni biex il-Qorti ma tilqax it-talbiet attriċi. In-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom imbagħad tittratta fuq **il-meritu** *ta' diversi kawżi oħra* tagħhom – imma hija assolutament irrilevanti għal din l-azzjoni – ċirkostretta, kif intqal, mit-termini ta' l-artikolu 868 hawn qabel ikkwotat;

Ikkunsidrat illi l-mandat li ħareġ huwa ta' miljun lira (Lm1,000,000) li jfisser prattikament illi għal Emanuel Bonello personalment, huwa impossibbli li jsiefer sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni finali, fil-kawża li segwiet il-mandat – ammenochè ma jirrikorrux iċ-ċirkostanzi speċjali kkontemplati mil-liġi – il-Qorti tqis li l-garanzija tajba għall-ħlas eventwali tal-possibbli danni, penali u interessi ma tistax tkun anqas minn mitt elf lira (Lm100,000) li l-konvenuti għandhom xahar żmien biex jipprokurawha f'forma ta' depożitu bankarja jew depożitu f'dawn il-Qrati;

Din il-garanzija meta ssir għandha tinġieb a konjizzjoni tal-Qorti permezz ta' Nota fir-Reġistru u fin-nuqqas – wara li tgħaddi l-ġurnata tal-15 ta' Jannar 1990, il-Qorti tħassar il-mandat wara l-appożitu rikors;

Spejjeż bla taxxa bejn il-kontendenti